MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Numru 269/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NADIA LANZON**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**VS**

**WAYNE BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Wayne Borg ta’ 24 sena, bin Paul u Linda nee’ Pearson, imwieled gewwa r-Renju Unit, nhar it-3 ta’ Lulju, 1981, u residenti gewwa l-font Flat 7, Wilga Street, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 98000 (L);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Settembru, 2005, u fil-jiem ta’ qabel:

A. Kellu fil-pussess tieghu d-drgoa kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas il jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi il juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

B. U aktar talli ttraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta u cioe' *ecstasy* minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, u dan bi ksur tad-Disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali numru 22 tas-sena 1985 kif emendati;

C. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta u cioe' *ecstasy* minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, u dan bi ksur tad-Disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali numru 22 tas-sena 1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

D. U fl-ahhar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi, tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tal-Regoli tas-sena 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi;

Rat l-Artikoli 4 u 6 tal-kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Regolament 8 tal-GN 292/1939;
Id-Disposizzjonijiet tal-Kap 31 u tal-Avviz Legali 22 tal-1985;

Semghet informalment lill-Ufficjal tal-Agenzija Caritas, fejn l-imputat qieghed jattendi ghal programm ta’ kura mid-dipendenza fuq id-droga, u jidher li sejjer tajjeb hafna f’dan il-programm.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur, u multa ta’ mitejn u hamsin lira maltin (Lm250.00).

Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jigi kkunsidrat favorevolment ghall-

kontinwazzjoni tal-programm ta’ kura hawn fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------